**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 408/2024 MS*

**Bezzina & Cole**

**Vs.**

**Sirens Aquatic Sports Club**

Illum, 24 ta' Mejju, 2024

Kawża Numru:7

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mis-soċjetà attriċi taħt il-proċedura sommarja speċjali fis-16 t'April, 2024, li bih wara li ppremettiet dan li ġej:

> Illi l-konvenuta tinsab debitrici tal-attrici fis- somma ta' ta' disgha u ghoxrin elf u disa' mitt Ewro (€29,900) rapprezentanti bilanc minn somma akbar rapprezentanti drittijiet professjonali dovuti minnek lill-klijenti tieghi dwar servizzi rezi lilek in konnessjoni mal-kostruzzjoni tal-Wave Return Wall f'Sirens Acquatic Club u Minor Amendment

ghall-permess PA/07244/17 li baqghu ma thallsux, liema dejn hu cert, likwidu u dovut. Kopja ta' statement hawn mehmuz u markat Dok. A.

Illi nonostante illi giet interpellata sabiex thallas, il-konvenuta baqghet inadempjenti.

Illi l-konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet xi tressaq kontra t-talbiet attrici.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi l-esponenti jaf personalment bil-fatti hawn esposti.

ipproċediet biex titlob lil din il-qorti jogħġobha:

1. Tiddispensa mis-smiegh tal-kawza ai termini ta' l-Artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.
2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lil-attrici s-somma ta' disgha u ghoxrin elf u disa mitt Ewro (€29,900) rapprezentanti bilanc minn somma akbar rapprezentanti drittijiet professjonali dovuti minnek lill-klijenti tieghi dwar servizzi rezi lilek in konnessjoni mal-kostruzzjoni tal-Wave Return Wall f'Sirens Acquatic Club u Minor Amendment ghall-permess PA/07244/17 li baqghu ma thallsux.

   Bl-imghax skond il-ligi sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

2. Rat id-dokumenti u d-dikjarazzjoni maħlufa mehmuża mar-rikors ġramentat;

3. Rat in-nota preżentata mis-soċjetà konvenuta fit-23 ta' Mejju 2024 li biha oġġezzjonat għat-talba biex il-kawża tinstema' sommarjament għar-raġunijiet imfissrin fl-istess nota;

4. Rat id-dokumenti eżebiti mal-istess nota;

5. Semgħet ix-xiehda ta' John Farrugia fl-udjenza tal-lum stess;

6. Rat id-dikriet mogħti minnha waqt l-udjenza tal-lum, fejn ingħad hekk:

> Peress li tqis li mix-xhieda li semgħet illum il-konvenuta m'għandhiex eċċezzjonijiet x'tagħti kontra t-talba attriċi, ladarba irriżulta b'mod ċar li r-relazzjoni ġuridika ġiet instawrata mal-Għaqda konvenuta, u peress illi l-ammont pretiż mill-attriċi jirriżulta dovut, tant li kien hemm anke qbil dwaru, qed tiddekreta li l-kawża titkompla bid-dispensa tas-smigħ.

7. Rat li l-kawża ġiet posposta sabiex tingħata sentenza llum stess;

Ikkunsidrat:

8. Illi skont l-artikolu 170(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jekk il-konvenut ma jagħtix prova, bil-ġurament jew xort'oħra, li għandu eċċezzjonijiet x'jagħti kontra t-talbiet tal-attur, il-qorti għandha tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-attur. Kif ingħad fid-dikriet mogħti llum stess, is-soċjetà konvenuta ma wrietx li tassew għandha eċċezzjonijiet x'tagħti kontra t-talbiet tal-attriċi, u għalhekk il-qorti se tipproċedi kif trid il-liġi.

9. Għaldaqstant il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi kif dedotti, bl-ispejjeż kollha kif mitluba u bl-imgħax legali dekorribbli mis-16 t'April 2024 sal-jum tal-ħlas effettiv.

Onor. Mark Simiana, LL.D

Imħallef

Lydia Ellul

Deputat Reġistratur